# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fit-23 ta' Mejju 2013 għall-ħabta tal-01:30 bħala :

(a) "persuna li f'ismek ghandek il-licenzja tal-hanut tax-xorb maghruf bhala taboo wine bar li jinsab fi Triq Bormla gewwa Rahal Gdid, zammejt jew ippermetejt li jinzamm l-imsemmi hanut tieghek miftuh wara l-hin ta' l-gheluq, u mhux skond il-kundizzjonijiet ta licenzja ta l-imsemmi hanut.

(b) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok bhala persuna li f'ismek ghandek l-istabbiliment Taboo wine bar ippermettejt li tindaqq

muzika amplifikata wara il-hin, u dan bi ksur ta l-istess kundizzjonijiet.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-imputazzjoni f'dan il-każ hija bażata fuq allegat ksur tar-regolament numru 36 tal-A.L. 1 tal-2006 li jippreskrivi l-ħinijiet tax-xogħol għal postijiet kummerċjali nonche r-regolament numru 13 tal-istess avviż legali li jippreskrivi dettalji dwar il-partikolaritajiet tal-liċenzi.

Mill-affidavit ta' PS31 Mario Farrugia jirriżulta li fid-data in kwistjoni għall-ħabta tas-01:30 il-Pulizija kienet effetwat spezzjoni minn fejn irriżulta li l-ħanut ġestit mill-imputat u li tiegħu huwa liċenzat kien jinsab miftuħ għall-kummerċ u kien mimli bin-nies. In-nies kienu jinsabu kemm ġewwa kif ukoll barra. Dan l-Aġent tal-Pulizija jgħid li kien jinstema' "storbju" ta' nies jitkelmu barra l-ħanut. Jirriżulta li dakinhar kien hemm xi ċelebrazzjonijiet fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid u kien

hemm nies li kienu qegħdin jagħmlu xi storbju huma u deħlin fl-istabbiliment. Il-Pulizija kelmet lill-imputat li wara li ġie konfrontat bil-fatt li kien miftuħ wara l-ħin regolamentari huwa għalaq il-ħanut ftit wara li ġie mwissi.

Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha in kwantu skont ir-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li jagħmel riferenza għal paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), stabbilimenti tal-*catering* (u l-Qorti hija wkoll konvinta mill-liċenza ezibita u konfermata li l-fond ġestit mill-imputat huwa liċenzat bħala stabbiliment tal-*catering*) jista' jinżamm miftuh f'kull ġurnata sas-01:00. Dan ir-regolament għalhekk ma ġiex osservat mill-imputat stante li ġie soddisfaċentement ippruvat li kien għadu miftuh wara s-01:00.

Mill-banda l-oħra il-Qorti mhix moralment konvinta li f'dan il-każ kien hemm ukoll it-tieni reat integrat. Dan qiegħed jingħad għaliex minn dak mistqarr f'dan il-każ jirriżulta li l-istorbju kien qiegħed jiġi ġenerat minn nies li kienu qegħdin jitkelmu barra mill-istabbiliment "waqt li kienu deħlin fl-istess stabbiliment". Ma ġiex pruvat li f'din id-data kien hemm ukoll xi storbju ieħor li kien ġenerat u li kien qiegħed jiddisturba l-ġirien. L-istorbju kien ġenerat minn nies li kienu għadhom deħlin fil-ħanut u mhux daqstant minn nies li kienu fil-ħanut jew li kienu qegħdin barra l-ħanut jixorbu. Għalkemm il-Qorti tifhem li l-kondizzjonijiet tal-liċenzja

jimponi ċerti obbligi ta' sorveljanza da parti tad-diriġenza tal-istabbiliment dwar il-ħsejjes li jkunu jistgħu jiġu ġenerati minn nies li jkunu qegħdin jixorbu fil-bar in kwistjoni, mill-banda l-oħra l-Qorti tqis li l-imposizzjoni ta' tali obbligu fuq id-diriġenza fir-rigward ukoll ta' nies li jkunu għadhom ma rifsux l-għatba tal-istabbiliment, tkun miżura fil-fehma tal-Qorti kemxejn sproporzjonata.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati fir-rigward tat-tieni imputazzjoni stante li ma ġietx soddisfaċentement ippruvata u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena dwarha, fil-waqt li qegħda ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni kontestata lilu u wara li rat ir-regolamenti 13, 36 (u li jagħmel riferenza għal paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), u 53 ikoll tal-A.L. 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 17, 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għal ammenda ta' tliet mitt euro (€300) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tissospendi l-liċenza mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' erbatax il-jum.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

*Aaron M. Bugeja*